**PRIM’AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 23 ta’ Novembru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 801/2013 AF**

**Concrete Mix Limited (C-1488)**

**vs**

**L-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tieghu ta’ stralcjarju tal-kumpannija Konkos Limited (C-5059); Malta Government Investments Limited (C-10175); u Ballut Blocks Limited (C-10), din tal-ahhar ghal kull interess li jista’ jkollha**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà rikorrenti li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Din il-kawża qiegħda issir sabiex jiġi impunjat in parte in kontradittorju id-digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta’ Mejju, 2013 wara r-rikors bin-numru: 362/2012/JZM, liema rikors ġie ippreżentat nhar id-9 ta’ April, 2012 mill-konvenut l-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta’ stralċjarju tal-kumpannija Konkos Limited ai termini ta’ l-

artikolu 292 (1) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-kumpannija esponenti ser titlob illi l-atti proċesswali ta' dak ir-rikors jiġu allegati ma' l-atti ta' dina l-kawża.

Ir-rikors bin-numru: 362/2012/JZM ippreżentat nhar id-9 ta' April, 2012 mill-konvenut l-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tal-kumpannija Konkos Limited ai termini ta' l-artikolu 292 (1) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta huwa rikors illi sar fl-ambitu ta' proċeduri ta' stralċ volontarju tal-kumpannija Konkos Limited wara illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited bdiet tippretendi illi hija kreditriċi li tippregradwa lill-kredituri l-oħra u wara illi bdiet tippretendi wkoll illi l-kreditu pretiż minnha jitħallas qabel il-krediti dovuti lill-kredituri l-oħra, inkluż il-kreditu dovut lill-kumpannija esponenti.

Permezz tar-rikors bin-numru: 362/2012/JZM ippreżentat nhar id-9 ta' April, 2012 mill-konvenut l-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tal-kumpannija Konkos Limited, l-istess konvenut talab illi "bil-mod kif maħsub fl-artikolu 292 (1) tal-Kap. 386 [...] dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddetermina l-gradwazzjoni skond il-Liġi tal-kredituri magħrufa kollha ta' Konkos Limited, sabiex hekk hu jkun f'posizzjoni li jgħaddi biex jibda jagħmel pagamenti lill-istess kredituri skond id-dritt lilhom spettanti fil-Liġi, mingħajr b'daqshekk ma jkun qed jirrendu ruħu responsabbli personalment għad-danni fil-konfront ta' Concrete Mix Limited" u dana wara li ta sfond tal-fatti li wasslu għall-preżentata ta' dak ir-rikors.

Fuq indikazzjoni ta' l-imsemmi konvenut l-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tal-kumpannija Konkos Limited, dak ir-rikors ġie notifikat lill-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited u lill-kumpannija esponenti.

Il-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited wieġbet b'risposta ippreżentata minnha nhar it-18 ta' Mejju, 2012 fejn insistiet illi hija ġiet surrogata fid-drittijiet ipotekarji tal-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. kontra l-kumpannija Konkos Limited għaliex hija ħallset lil dik il-kumpannija bankarja d-dejn li kellha l-kumpannija Konkos

Limited u illi għalhekk il-kreditu minnha pretiż jippregradwa l-kreditu dovut lill-kredituri l-oħra ta' l-istess kumpannija.

Fir-risposta tagħha ippreżentata nhar l-4 ta' Settembru, 2012, il-kumpannija esponenti opponiet ruħha għall-pretensjoni tal-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited li tippregradwa lill-kredituri l-oħra għal diversi raġunijiet, fosthom, (i) illi l-ipoteki li fuqhom dik il-kumpannija bdiet issejjes il-pretensjoni ta' pregradwazzjoni ma għadhomx veljanti; (ii) li f'kull każ, dik il-kumpannija kienet irrinunzjat għal kull dritt li seta' kellha fil-konfront tal-kumpannija Konkos Limited; (iii) li f'kull każ ukoll, kull pretensjoni li seta' kellha l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited kontra l-kumpannija Konkos Limited waqgħet bi preskrizzjoni; u (iv) li l-ftehim bejn il-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. u l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited kien fis-sens illi s-surroga tad-drittijiet kellha issir bil-miktub u ladarba ma sarx hekk, skond il-liġi kummerċjali, ma teżisti l-ebda surroga.

Waqt is-smiegħ tar-rikors hawn fuq imsemmi, il-kumpannija konvenuta l-oħra Ballut Blocks Limited ippreżentat nota li magħha hemm annessi kopja ta' nota ta' iskrizzjoni ta' ipoteka ġenerali, kopja ta' sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-18 ta' Marzu, 1998 u kopja ta' taxxa uffiċjali u bdiet tippretendi jedd ta' pregradwazzjoni bis-saħħa ta' l-ipoteka iskritta minnha.

Kien għalhekk li waqt is-smiegħ ta' nhar it-8 ta' Novembru, 2012, l-istralċjarju, il-konvenut l-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tal-kumpannija Konkos Limited talab li mat-talba tiegħu fir-rikors promotur jiżdiedu l-kliem "wara li tieħu konjizzjoni wkoll tan-nota ta' Ballut Blocks Limited preżentata fis-7 ta' Novembru, 2012 u tad-dokumenti eżebiti ma' l-istess nota." Kif jirriżulta mill-verbal relattiv, dina l-Onorabbli Qorti laqgħet din it-talba u għalhekk it-talba tiegħu kif kontenuta fir-rikors promotur ġiet korretta konformement.

Fl-atti tar-rikors hawn fuq imsemmi, dina l-Onorabbli Qorti semgħet il-provi u sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti f'din il-kawża u tat id-digriet definittiv tagħha nhar is-16 ta'

Mejju, 2013, kopja ta’ liema qiegħda tiġi hawn annessa u immarkata bħala “Dokument CML1”. F’dan id-digriet definittiv, dina l-Onorabbli Qorti tat raġun lill-kumpannija esponenti illi la l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited, la l-kumpannija konvenuta Ballut Blocks Limited u lanqas xi ħadd ieħor mill-kredituri l-oħra tal-kumpannija Konkos Limited ma għandu jedd ta’ pregradwazzjoni. Il-bqija tat-tweġibiet mogħtija mill-kumpannija esponenti ġew miċħuda. Id-deċide jipprovdi testwalment dan li ġej:

> “Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda, wara li qieset l-eccezzjonijiet kollha li kienu sollevati fil-procediment tal-lum, u bl-applikazzjoni tal-Art 292 (1) u (3) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta’ Malta, tipprovdi dwar it-talba tar-rikorrent kif gej –
>
> 1) Anke b’riferenza ghall-ewwel eccezzjoni ta’ Concrete Mix Limited, tiddikjara li l-istralcjarju Av. Dr. Aldo Vella ma ghandu jqis l-ebda wiehed mill-kredituri tal-kumpannija Konkos Limited bhala kreditur privileggjat.
>
> 2) Tichad it-tieni eccezzjoni ta’ Concrete Mix Limited li tghid illi Malta Government Investments Limited irrinunzjat ghall-kreditu taghha.
>
> 3) Tichad it-tielet eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ Concrete Mix Limited skond l-Art 2156 (f) tal-Kap 16.
>
> 4) Tichad ir-raba’ eccezzjoni ta’ Concrete Mix Limited, billi tiddikjara illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited hija kreditur tal-kumpannija Konkos Limited hekk kif surrogata ex lege fid-drittijiet li kellha l-kumpannija Bank of Valletta plc kontra l-kumpannija Konkos Limited, liema kreditu tal-kumpannija Malta Government Investments Limited ghadu veljanti kontra Konkos Limited.
>
> 5) Tiddikjara illi l-kredituri tal-kumpannija Konkos Limited huma dawk li huma elenkati fid-dokument markat AV1 a fol 3 tal-process.

6) Tordna lill-istralcarju Av. Dr. Aldo Vella sabiex jipprocedi minnufih bl-istralc tal-kumpannija Konkos Limited. Jibda billi mill-fondi diga' fil-pussess tieghu u mill-fondi li ghad irid jippercepixxi fil-gejjieni, ihallas lill-kredituri kollha ta' Konkos Limited il-kapital u l-imghax dovut ilhom skond il-ligi. U minn hemm ikompli sakemm jaghlaq skond kif previst mil-ligi.

L-ispejjez ta' dan il-procediment jibqghu bla taxxa."

Il-kumpannija esponenti taqbel ma' dak illi iddeċidiet dina l-Onorabbli Qorti fl-ewwel (1) u s-sitt (6) kapi tad-digriet hawn fuq ikkwotat, iżda ħasset ruħha aggravata b'dak illi iddeċidiet dina l-Onorabbli Qorti fit-tieni (2), fit-tielet (3), fir-raba' (4), u fil-ħames (5) kapi ta' l-istess digriet li permezz tagħhom dina l-Onorabbli Qorti ċaħdet tlett tweġibiet imqajma mill-kumpannija esponenti fir-risposta tagħha. Il-kumpannija esponenti tħoss ruħha aggravata ukoll minn kif ġie deċiz il-kap ta' l-ispejjeż.

Dwar it-tieni (2) kap tad-digriet imsemmi, dina l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-tweġiba tal-kumpannija esponenti fis-sens illi l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited kienet irrinunzjat għal kull dritt li seta' kellha. Il-kumpannija esponenti tħoss ruħha aggravata b'din il-parti tad-digriet u qiegħda timpunjaha permezz tal-proċeduri odjerni u dana peress illi, fost affarijiet oħra:

(i) dina l-Onorabbli Qorti kienet evidentament żbaljata meta irriteniet illi ma kienx hemm rinunzja la espressa u lanqas taċita da parti tal-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited għal kull dritt li seta' kellha. Sfortunatament, dina l-Onorabbli Qorti injorat għal kollox ix-xhieda ċara, limpida u kristallina – mhux biss tar-rappreżentant tal-kumpannija esponenti – iżda anke ta' John Dalli, xhud imressaq mill-konvenut l-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tal-kumpannija Konkos Limited waqt l-udjenza ta' nhar it-8 ta' Novembru, 2012, li xehed illi sa mis-snin tmenin kien hemm ftehim verbali fis-sens illi l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited ma tirreklama l-ebda ammont

mingħand il-kumpannija Konkos Limited u l-kumpannija Konkos Limited ma tieħu l-ebda proċeduri ġudizzjarji kontra l-Gvern għall-ammonti dovuti lilha mingħand l-istess. Il-konvenut l-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tal-kumpannija Konkos Limited waqt l-istess udjenza ikkonferma illi l-fatt li l-kumpannija Konkos Limited għażlet li ma tfittix lid-Dipartimenti tal-Gvern li mingħandhom kellha tieħu l-flus il-kumpannija Konkos Limited kien il-"quid pro quo" għar-rinunzja da parti tal-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited;

(ii) dina l-Onorabbli Qorti kienet evidentament żbaljata ukoll meta irriteniet illi ma kienx hemm rapport ġuridiku bejn iż-żewġ kwistjonijiet u dana peress illi mill-provi prodotti irriżulta xort'oħra ossija proprju l-kuntrarju tant illi ħadd mill-kontendenti ma qal, xehed jew imqar allega li ma kienx jeżisti rapport ġuridiku kif qalet dina l-Onorabbli Qorti.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-kumpannija esponenti ser titlob illi dik il-parti ossija kap tad-digriet hawn imsemmi li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-tweġiba tal-kumpannija esponenti fis-sens illi l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited kienet irrinunzjat għal kull dritt li seta' kellha jiġi mħassar u revokat u minflok tali tweġiba tiġi milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti.

Dwar it-tielet (3) kap tad-digriet imsemmi, dina l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-tweġiba tal-kumpannija esponenti fis-sens illi kull pretensjoni li seta' kellha l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited kontra l-kumpannija Konkos Limited hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dina l-Onorabbli Qorti wara illi ikkunsidrat illi r-rikonoxximent tad-dejn ixejjen il-preskrizzjoni irriteniet illi ġie ippruvat illi MGI, tramite MIMCOL, li hija l-kumpannija li tikkonduċi l-operations ta' MGI, kienet u għadha sal-lum rikonoxxuta bħala kreditur ta' Konkos Limited, inkluż mill-istralċjarju (ara d-dokumenti eżebiti). Il-kumpannija esponenti tħoss ruħha aggravata b'din il-parti tad-digriet u

qiegħda timpunjaha permezz tal-proċeduri odjerni u dana peress illi, fost affarijiet oħra:

(i) dina l-Onorabbli Qorti kienet evidentament żbaljata meta irriteniet illi l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited kienet rikonoxxuta tramite l-kumpannija MIMCOL bħala kreditriċi. Dana qiegħed jingħad billi l-kumpannija MIMCOL ossija l-kumpannija Malta Investment Management Co. Limited hija kumpannija totalment distinta u separata mill-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited. Fid-dokumenti imsemmija fid-digriet impunjat f'dawn il-proċeduri hemm lista tal-kredituri li tirrifletti l-pożizzjoni kif kienet nhar it-30 ta' Settembru, 1996 u filwaqt illi l-kumpannija Malta Investment Management Co. Limited (MIMCOL) hija imniżżla bħala kreditriċi, il-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited ma hijiex. Għalkemm huwa minnu li dawn huma żewġ kumpanniji tal-Gvern, dina l-Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tasal għal konklużjoni li rikonoxximent ta' kreditu favur il-kumpannija Malta Investment Management Co. Limited (MIMCOL) jikkostitwixxi rikonoxximent tal-kreditu allegatament dovut lill-kumpannija oħra ossija l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited. Dina l-Onorabbli Qorti kienet żbaljata għaliex tali raġunament huwa kontro-sens legali u ġuridiku;

(ii) dina l-Onorabbli Qorti kienet evidentament żbaljata ukoll f'dan ir-rigward billi naqset milli tikkunsidra kif imiss illi l-lista tal-kredituri li għaliha għamlet referenza tirrifletti l-pożizzjoni kif kienet nhar it-30 ta' Settembru, 1996. Dan ifisser fl-ewwel lok, illi jekk ir-rikonoxximent sar dakinhar xorta waħda iddekorra l-perjodu tal-preskrizzjoni u fit-tieni lok illi sa dak in-nhar il-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited kienet għadha ma ħallsitx lill-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. u għalhekk żgur li ma setgħetx tiġi rikonoxxuta bħala kreditur;

(iii) a skans ta' ripetizzjoni, il-kumpannija esponenti tagħmel referenza ampja għas-sottomissjonijiet kollha illi għamlet quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tar-rikors bin-numru: 362/2012/JZM.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-kumpannija esponenti ser titlob illi dik il-parti ossija kap tad-digriet hawn imsemmi li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-tweġiba tal-kumpannija esponenti fis-sens illi kull pretensjoni li seta' kellha l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited kontra l-kumpannija Konkos Limited hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156 (f) jiġi mħassar u revokat u minflok tali tweġiba tiġi milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti.

Dwar ir-raba' (4) kap tad-digriet imsemmi, dina l-Onorabbli Qorti ċaħdet it-tweġiba tal-kumpannija esponenti fis-sens illi l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited u l-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. riedu u ftehmu li s-surroga ta' drittijiet issir bil-miktub, b'mod partikolari permezz ta' att notarili, u ladarba dan ma sarx, ma hemm l-ebda surroga. Filwaqt illi dina l-Onorabbli Qorti għarfet illi kien hemm ftehim illi s-surroga issir bil-miktub u fil-fatt ma saritx, hija sfortunatament għażlet illi tinjora għal kollox ir-raġunament legali tal-kumpannija esponenti u minflok adottat it-teżi għal kollox sempliċistika tal-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited. Il-kumpannija esponenti tħoss ruħha aggravata b'din il-parti tad-digriet u qiegħda timpunjaha permezz tal-proċeduri odjerni u dana peress illi, fost affarijiet oħra, dina l-Onorabbli Qorti kienet evidentament żbaljata meta naqset għal kollox milli tikkunsidra illi r-relazzjoni li kellha l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited mal-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. kienet waħda kummerċjali, illi għalhekk tapplika l-ewwel u qabel kollox, mhux il-liġi ċivili iżda l-liġi kummerċjali, u illi skond il-liġi kummerċjali, senjatament l-artikolu 114 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk isir ftehim li għandu jitniżżel bil-miktub, il-preżunzjoni hija li tali ftehim ma jkunx validu jekk ma jsirx bil-miktub. Mill-provi prodotti fir-rikors bin-numru: 362/2012/JZM irriżulta ampjament illi l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited ftehmet mal-kumpannija bankarja Bank of Valletta p.l.c. illi s-surroga issir

bil-miktub u b'mod partikolari b'att notarili. Ladarba ma sarx hekk, u kif xehed ir-rappreżentant tal-kumpannija bankarja stess, ma seħħet l-ebda surroga.

Dwar il-ħames (5) kap tad-digriet imsemmi, dina l-Onorabbli Qorti irriteniet illi l-kredituri tal-kumpannija Konkos Limited huma dawk elenkati fid-dokument immarkat AV1 a fol. 3 tal-proċess. Hawn dina l-Onorabbli Qorti marret extra petita u ultra petita għaliex wieġbet domanda li ma saritx mill-konvenut l-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tal-kumpannija Konkos Limited peress illi fir-rikors promotur dina l-Onorabbli Qorti ma ntalbitx tgħid min huma l-kredituri tal-kumpannija Konkos Limited. F'kull każ, jekk dina l-Onorabbli Qorti ma tqabilx ma' din is-sottomssjoni, sussidjarjament in vista ta' dak hawn fuq rilevat tinħtieġ kjarifika fis-sens illi l-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited mhijiex kreditriċi tal-kumpannija Konkos Limited.

Dwar il-kap ta' l-ispejjeż dina l-Onorabbli Qorti iddeċidiet illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa iżda billi r-rikors promotur li għalih jirreferu dawn il-proċeduri ġie ipprovokat minħabba insistenza tal-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited li l-kreditu tagħha jippregradwa bis-saħħa ta' żewġ ipoteki li irriżultaw li ma kienx għadhom veljanti, allura l-kumpannija esponenti issostni li dina l-Onorabbli Qorti kellha takkolla l-ispejjeż fuq il-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited.

Dawn il-fatti l-esponenti jafhom personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tbiddel, tirriforma u tvarja d-digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti nhar is-16 ta' Mejju, 2013 wara r-rikors bin-numru: 362/2012/JZM, liema rikors ġie ippreżentat nhar id-9 ta' April, 2012 mill-konvenut l-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tal-kumpannija Konkos Limited ai termini ta' l-artikolu 292 (1) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi:

(i) filwaqt illi tikkonferma dak id-digriet in kwantu għall-ewwel (1) kap tad-deċide tiegħu fejn dina l-Onorabbli Qorti iddeċidiet illi anke b'referenza għall-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija esponenti, tiddikjara li l-istralċjarju l-Avukat Dottor Aldo Vella ma għandu jqis l-ebda wieħed mill-kredituri tal-kumpannija Konkos Limited bħala kreditur privileġġjat u tikkonfermah ukoll in kwantu għas-sitt (6) kap tad-deċide tiegħu fejn dina l-Onorabbli Qorti iddeċidiet illi tordna lill-istralċjarju l-Avukat Dottor Aldo Vella sabiex jipproċedi minnufih bl-istralċ tal-kumpannija Konkos Limited, jibda billi mill-fondi diġà fil-pussess tiegħu u mill-fondi li għad irid jipperċepixxi fil-ġejjieni, iħallas lill-kredituri kollha ta' Konkos Limted il-kapital u l-imgħax dovut lilhom skond il-liġi u minn hemm ikompli sakemm jagħlaq skond kif previst mil-liġi;

(ii) tħassar, tirrevoka u tannulla l-istess digriet in kwantu għat-tieni (2), għat-tielet (3), għar-raba' (4), u għall-ħames (5) kapi ta' l-istess digriet li permezz tagħhom dina l-Onorabbli Qorti ċaħdet tlett tweġibiet imqajma mill-kumpannija esponenti fir-risposta tagħha u in kwantu għall-kap ta' l-ispejjeż u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-imsemmija tlett (3) tweġibiet tal-kumpannija esponenti jew liema waħda minnhom u tikkundanna lill-kumpannija konvenuta Malta Government Investments Limited tħallas l-ispejjeż kollha.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, jew min minnhom, illi huma u r-rappreżentanti tagħhom huma minn issa stess inġunti in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tal-kumpannija Konkos Limited (C-5059) li permezz tagħha eċċepixxa illi:

L-eccipjenti jirrimetti ruhu ghall-gudizzju finali ta' din l-Onorabbli Qorti, in quanto dawk l-aspetti tad-Digriet ta' din l-

Onorabbli Qorti tas-16 ta' Mejju 2013 li taghhom is-socjetà attrici qed titlob ir-revoka, jolqtu direttament lis-socjetà konvenuta Malta Government Investments Limited.

L-eccipjenti, bhala l-istralcjarju tas-socjetà Konkos Limited, huwa tenut illi jmexxi u jikkonkludi l-istralc skond tali gudizzju finali.

In vista tal-premess l-eccipjenti ma ghandu jbati l-ebda spejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà Ballut Blocks Limited (C-10) li permezz tagħha eċċepiet illi:

Is-socjetà esponenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti.

Is-socjetà esponenti m'ghandhiex tehel l-ebda spejjez gudizzjarju b'rabta ma' din il-kawza.

Salvi eccezzjonijet ulterjuri.

Rat illi s-soċjetà Malta Government Investments Limited, minkejja li debitament notifikata, ma ppreżentat l-ebda risposta.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Ottubru 2013 din il-Qorti diversament presjeduta laqgħet it-talba tas-soċjeta rikorrenti sabiex jiġu allegati l-atti tal-proċess 362/2012 JZM u ċioè l-atti tar-rikors tal-Avukat Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjeta Konkos Limited (C 5059) taħt il-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Mejju 2013.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat li l-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta sabiex tkompli tinstema' u tinqata'.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà rikorrenti Concrete Mix Limited u dik tas-soċjetà intimata Malta Government Investments Limited.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob lill-Qorti tbiddel, tirriforma u tvarja d-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar is-16 ta' Mejju 2013 wara r-rikors bin-numru 362/2012 JZM ippreżentat mill-Avukat Dottor Aldo Vella fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjetà Konkos Limited. Dak ir-rikors kien sar a tenur tal-artikolu 292(1) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

> *"(1) L-istralċjarju jew xi membru jew xi kontributorju jew kreditur jista' jagħmel rikors lill-qorti biex tiddeċiedi kull kwistjoni li tinqala' matul l-istralċ tal-kumpannija, jew li teżerċita, dwar l-eżekuzzjoni ta' sejħiet jew xi ħaġ'oħra, is-setgħat kollha li l-qorti tista' teżerċita jekk il-kumpannija kienet qed tiġi stralċjata mill-qorti jew uħud minnhom."*

Jirriżulta mill-provi li l-istralċjarju ppreżenta r-rikors tiegħu a tenur tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jirriżolvi l-kwistjoni li qamet bejn żewġ kredituri ta' Konkos Limited u ċioè Malta Government Investments Limited (MGI) u Concrete Mix Limited. Il-kontestazzjoni hija fis-sens illi filwaqt illi MGI kienet qiegħda tippretendi li ġiet surrogata fid-drittijiet ipotekarji tal-Bank of Valletta (BOV) fil-konfront ta' Konkos Limited, u li allura tippregradwa lill-kredituri l-oħra, Concrete Mix Limited issostni li dan mhuwiex il-każ għal diversi raġunijiet li semmiet fir-risposta tagħha.

Mhuwiex ikkontestat illi MGI kienet garanti tal-kreditu li BOV kellu kontra Konkos Limited. Jirriżulta li favur il-bank kien hemm reġistrati żewġ ipoteki ġenerali. Lanqas ma huwa kkontestat illi MGI, bħala garanti, ħallset lill-BOV għas-saldu d-dejn li kellha Konkos Limited u li għalhekk, mal-ħlas bħala garanti, MGI saret kreditriċi ta' Konkos Limited minflok BOV.

Jirriżulta mhux ikkontestat lanqas li għalkemm jidher li l-ħlas eżegwit minn MGI kellu jkun segwit b'att notarili, dan baqa' ma sarx.

Permezz tar-rikors tiegħu preżentat fid-9 ta' April 2012, l-Avukat Dottor Aldo Vella bħala stralċjarju tas-soċjetà Konkos Limited talab lill-Qorti sabiex:

> *"Ghaldaqstant, bil-mod kif mahsub fl-artikolu 292(1) tal-Kap. 386, l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddetermina l-gradwazzjoni skont il-Ligi tal-kredituri maghrufa kollha ta` Konkos Limited, sabiex hekk hu jkun f`pozizzjoni li jghaddi biex jibda jaghmel pagamenti lill-istess kredituri skont id-dritt lilhom spettanti fil-Ligi, minghajr b`daqshekk ma jkun qed jirrendi ruhu responsabbli personalment ghad-danni fil-konfront ta` Concrete Mix Limited."*

Fil-mori tal-proċediment tar-rikors, is-soċjetà Ballut Blocks Limited ippreżentat nota li magħha ġew annessi kopja ta' nota ta' skrizzjoni ta' ipoteka ġenerali, kopja ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 ta' Marzu 1998 u kopja ta' taxxa uffiċjali li a tenur tagħhom din is-soċjetà wkoll ippretendiet jedd ta' pregradwazzjoni.

Permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta datat 8 ta' Novembru 2012, l-aħħar paragrafu tar-rikors ippreżentat mill-istralċjarju ġie korrett fuq talba tal-istess istralċjarju u minflok ġie jaqra hekk:

> *"Ghaldaqstant, bil-mod kif mahsub fl-artikolu 292(1) tal-Kap. 386, l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddetermina l-gradwazzjoni skont il-Ligi tal-kredituri maghrufa kollha ta` Konkos Limited, wara li tiehu konjizzjoni wkoll tan-nota ta` Ballut Blocks Limited prezentata fis-7 ta` Novembru 2012 u tad-dokumenti esebiti mal-istess nota, sabiex hekk hu jkun f`pozizzjoni li jghaddi biex jibda jaghmel pagamenti lill-istess kredituri skont id-dritt lilhom spettanti fil-Ligi, minghajr b`daqshekk ma jkun qed jirrendi ruhu responsabbli personalment ghad-danni fil-konfront ta` Concrete Mix Limited."*

Is-soċjetà Concrete Mix Limited wieġbet għar-rikors tal-istralċjarju billi eċċepiet illi l-ipoteki li fuqhom qiegħda ssejjes il-pretensjonijiet tagħha s-soċjetà MGI m'għadhomx fis-seħħ, li MGI kienet f'kull każ irrinunzjat għal kull dritt li seta' kellha, li kull pretensjoni li kellha MGI kontra Konkos Limited hija llum preskritta, u li ma seħħet l-ebda surroga in kwantu li ma saritx bil-miktub kif kien intenzjonat illi jsir.

Permezz ta' digriet datat 16 ta' Mejju 2013, din il-Qorti diversament presjeduta ddeċediet ir-rikors hekk:

1. *Anke b`riferenza ghall-ewwel eccezzjoni ta` Concrete Mix Limited, tiddikjara li l-istralcjarju Av. Dr. Aldo Vella ma ghandu jqis l-ebda wiehed mill-kredituri tal-kumpannija Konkos Limited bhala kreditur privileggjat;*
2. *Tichad it-tieni eccezzjoni ta` Concrete Mix Limited li tghid illi Malta Government Investments Limited irrinunzjat ghall-kreditu taghha;*
3. *Tichad it-tielet eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta` Concrete Mix Limited skond l-Art 2156(f) tal-Kap 16;*
4. *Tichad ir-raba` eccezzjoni ta` Concrete Mix Limited, billi tiddikjara illi l-kumpannija Malta Government Investments Limited hija kreditur tal-kumpannija Konkos Limited hekk kif surrogata ex lege fid-drittijiet li kellha l-kumpannija Bank of Valletta plc kontra l-kumpannija Konkos Limited, liema kreditu tal-kumpannija Malta Government Investments Limited ghadu veljanti kontra Konkos Limited;*
5. *Tiddikjara illi l-kredituri tal-kumpannija Konkos Limited huma dawk li huma elenkati fid-dokument markat AV1 a fol 3 tal-process;*
6. *Tordna lill-istralcjarju Av. Dr. Aldo Vella sabiex jipprocedi minnufih bl-istralc tal-kumpannija Konkos Limited. Jibda billi mill-fondi diga` fil-pussess tieghu u mill-fondi li ghad irid jippercepixxi fil-gejjieni, ihallas lill-kredituri kollha ta` Konkos Limited il-kapital u l-imghax dovut lilhom skond il-ligi. U minn hemm ikompli sakemm jaghlaq skond kif previst mil-ligi.*

*L-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu bla taxxa.*

Id-deċiżjoni tal-Qorti fid-dawl tan-nota ta' Ballut Blocks Limited mhijiex il-mertu tal-procedura odjerna in kwantu li s-soċjetà rikorrenti Concrete Mix Limited mhijiex qiegħda titlob lill-Qorti tistħarreġ id-deċiżjoni tal-Qorti f'dan ir-rigward.

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda għalhekk titlob lill-Qorti tikkonferma l-ewwel u sitt kap tad-deċide tad-digriet tas-16 ta' Mejju 2013 u tħassar, tirrivoka u tannulla it-tieni, tielet, raba' u ħames kap tal-imsemmi digriet. Qiegħed jiġi attakkat ukoll il-kap tal-ispejjeż.

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda tattakka dik il-parti tad-digriet tas-16 ta' Mejju 2013 fejn il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tagħha li MGI kienet irrinunzjat għad-dritt li titħallas il-kreditu dovut lilha mingħand Konkos Limited in segwitu għal ħlas li sar minnha lil BOV. M'hijiex qeghda tigi kontestata dik il-parti tad-digriet tas-16 ta' Mejju 2013 fejn il-Qorti sabet illi l-ebda kreditur ta' Konkos Limited ma huwa kreditur privileġġjat. Il-kontestazzjoni ta' Concrete Mix Limited hija llum limitata għall-kwistjoni dwar jekk MGI rrinunzjatx għad-drittijiet tagħha bħala kreditriċi.

In linea ta' prinċipju ġenerali, il-Qorti tal-Appell Inferjuri fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Dr. Tim Ellis vs L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tat-2 ta' Ottubru 2012 irriteniet illi:

> *"Jigi rilevat li l-akkwixenza, jew ir-rinunzja ta' dritt, ghandha f'kull okkazzjoni tkun skjeta u inekwivoka. Kif spjegat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili b'sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru 2004 fl-ismijiet* ***Henri Rizzo noe et vs Victor Ragonesi et*** *(1677/1977):*
>
> *"F'materja ta' rinunzja ta' dritt hija gurisprudenza stabbilita li din ghandha tirrizulta b' mod car u univoku li ma jhalli ebda dubju dwar l-intenzjoni tal-parti rinunzjanti. Gie ritenut:, "Ir-rinunzji huma di stretto diritto, u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt, u li juru l-volonta` preciza ta' rinunzja. Quindi ma jistax jigi konkluz illi jkun hemm rinunzja tacita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizzji cari*

> *u assoluti li l-volonta` tal-persuna jew persuni tbiddlet. Ghandu jsegwi minn dan kollu li jekk il-indizji u l-fatti jhallu dubju dwar il-volonta` tal-persuna, dan ghandu jittiehed kontra l-ezistenza tar-rinuzja" [PA **Alfred Cauchi vs Joseph Xuereb** - 09.10.2003;] "La rinunzja non si presume e deve' essere concludentemente provata; se e' tacita, deve sorgere da un fatto chiaro ed evidente, che includa necessariamente la intenzione di rinunziare, e che non possa prestarsi ad altre interpretazioni, o ingenerare qualche dubbio sulla intenzione del rinunziante." [App. **Chappelle vs Caruana Gatto** -17.06.1898]."*

Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell fil-każ L-Awtorità tad-Djar vs Felicia Cutajar tal-25 ta' Novembru 2011 qalet illi:

> *"Fis-sistema legali taghna dawn ic-cirkostanzi ta' fatt iridu juru, pero`, l-intenzjoni tal-parti li taghti l-kunsens. Hekk, fil-kuntest ta' rinunzja tacita, kuncett simili ghal dak issa trattat, intqal li biex jista' jinghad li dak li jkun ta l-kunsens tieghu b'mod tacitu, jehtieg zewg elementi; fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt, u li juru, minghajr dubbju, l-intenzjoni ta' dak li jkun li jirrinunzja ghad-drittijiet tieghu. Hekk, fil-kawza **Sammut et v. Azzopardi**, deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Novembru, 1993, intqal b'mod car li l-kunsens tacitu jrid "il-volonta` preciza li d-dritt qed jigi abbandunat u, li l-fatt huwa assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt'"."*

Mhuwiex kontestat illi ma hemm xejn bil-miktub li juri li MGI rrinunzjat għad-drittijiet tagħha. Concrete Mix Limited issostni li fid-digriet tagħha, din il-Qorti diversament presjeduta injorat il-ftehim verbali bejn il-partijiet u ċjoe dak li ġie miftihem waqt laqgħa tal-kredituri fis-sens illi MGI tirrinunzja għad-drittijiet tagħha.

Jirriżulta li l-possibiltà li MGI tirrinunzja għad-drittijiet tagħha kienet oriġinarjament relatata mal-proposta li Konkos Limited ma tiftaħx kawża lill-Gvern għall-flus li kellha tircievi mingħandu.

John Busuttil, li xehed għan-nom ta' MGI, għamilha ċara li minkejja li huwa minnu li kien hemm diskors dwar rinunzja, effettivament din qatt ma seħħet. Huwa jispjega li d-deċiżjoni finali kellha tittieħed mill-bord tad-diretturi u mhux minnu. Mhuwiex ċar għalfejn il-proposta qatt ma ttellgħet quddiem il-bord, imma għall-finijijet tal-kwistjoni tal-lum, dan il-punt mhuwiex rilevanti.

Busuttil ikompli billi jispjega li meta fiż-żminijiet riċenti qamet il-kwistjoni tal-imgħax li qiegħda tippretendi Concrete Mix Limited, MGI għamlitha ċara li ma kinitx disposta taċċetta li tirrinunzja għad-drittijiet tagħha jekk Concrete Mix Limited tibqa' tinsista dwar dan l-imgħax. Jirriżulta li kien f'dan l-istadju li Concrete Mix Limited irribattiet illi r-rinunzja kienet seħħet snin ilu waqt waħda mill-laqgħat tal-kredituri. John Dalli, li xehed għan-nom tas-soċjetà Dalli Brothers, li wkoll hija kreditriċi ta' Konkos Limited, ukoll jikkonferma li minkejja li kien hemm diskussjonijiet dwar rinunzja, din dejjem kienet bil-kondizzjoni li l-proposta tiġi aċċettata mill-bord tad-diretturi ta' MGI.

L-istralċjarju wkoll jispjega li sar diskors dwar rinunzja. Madanakollu, huwa jkompli jżid illi l-possibiltà kienet limitata għal diskors waqt laqgħat li kienu jsiru mal-kredituri. Minn imkien ma jirriżulta li l-istralċjarju kien tal-opinjoni li MGI effettivament irrinunzjat għad-drittijiet tagħha.

Anthony Montebello, Direttur ta' Concrete Mix Limited jinsisti li MGI rrinunzjat u li kien għalhekk illi ma saritx il-kawża kontra l-Gvern. Imma din il-verżjoni tikkontrasta ma dik tal-istralċjarju stess li jikkontendi li ma saritx il-kawża minħabba d-diffikultà sabiex jiġi ppruvat kemm kien l-ammont dovut mill-Gvern lil Konkos Limited.

Rinunzja taċita trid tirriżulta b'mod ċar u inekwivoku u jrid ikun jidher mill-fatti li tressqu li hekk ried dak li allegatament irrinunzja. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li ma kien hemm l-ebda ftehim verbali li jammonta għar-rinunzja espressa jew taċita da parti tas-soċjeta MGI. Minkejja li huwa veru li seħħew diskussjonijiet dwar il-possibiltà ta' rinunzja, ma jfissirx illi b'daqshekk din seħħet.

Fid-digriet tagħha, il-Qorti stqarret illi ma kinitx sodisfatta li kien hemm rapport ġuridiku bejn iż-żewġ kwistjonijiet u ċioè r-rinunzja u l-fatt illi ma saritx kawża minn Konkos Limited kontra l-Gvern. Din il-Qorti ma taqbilx ma din il-konklużjoni tagħha diversament presjeduta in kwantu li mill-provi rriżulta li l-possibiltà li MGI tirrinunzja għall-kreditu tagħha kienet fil-fatt relatata mal-kwistjoni tal-kawża kontra l-Gvern. Madanakollu, din il-Qorti ttenni li minkejja li seta' kien hemm dan id-diskors ma jfissirx illi b'daqshekk MGI effettivament irrinunzjat għad-drittijiet tagħha u dan partikolarment meta wieħed iqis illi l-bord tad-diretturi qatt ma ddiskutew u wisq inqas taw il-kunsens tagħhom.

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda tilmenta wkoll minn dik il-parti tad-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta li permezz tagħha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jiddisponi hekk:

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

> *"(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*."

Il-Qorti diversament presjeduta ċaħdet l-eċċezzjoni ta' Concrete Mix Limited għaliex sabet li s-soċjeta debitriċi Konkos Limited kienet fil-fatt irrikonoxxiet id-dejn lejn il-kreditriċi tagħha MGI.

Skont l-artikolu 2133 tal-Kap. 16:

> *"Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja."*

Kif sewwa tgħid din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha, il-preskrizzjoni għandha tingħata tifsira

restrittiva u kull dubbju li jeżisti dwar l-applikabbiltà taż-żmien preskrittiv għandu jmur kontra l-eċċepjenti.

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Carmelo Abdilla et vs Frances Crockford et tas-26 ta' Ġunju 2009 qalet hekk dwar ir-rikonoxximent tad-dejn:

> *"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-imsemmi Artikolu 2133 tal-Kap. 16 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni tal-ezistenza tad-dritt, per ezempju, il-weghda tal-hlas, talba ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts;*
>
> *Jigi, inoltre, rilevat illi kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, tal-inekwivocita`, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiziti, dawn, li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att.*
>
> *Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandha l-kompitu li tiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-pozizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni. Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu."*

Is-soċjetà rikorrenti tħoss ruħha aggravata bid-deċiżjoni tal-Qorti in kwantu li tgħid illi kwalunkwe rikonoxximent tad-dejn seħħ favur MIMCOL u mhux MGI, u peress li dawn is-soċjetajiet huma distinti u separati, il-Qorti kienet żbaljata meta qalet illi

*'MGI, tramite MIMCOL, li hija l-kumpannija li tikkonduċi l-operations ta' MGI, kienet u għadha sal-lum rikonoxxuta bħala kreditur ta' Konkos Limited, inkluż mill-istralċjarju.'*

Concrete Mix Limited tikkontendi li dawn iż-żewġ soċjetajiet, minkejja li huma t-tnejn kumpanniji tal-Gvern, huma distinti u separati u kwalunkwe rikonoxximent seħħ biss favur MIMCOL u mhux MGI. Din il-Qorti ssib illi minkejja li taqbel ma dan l-argument tas-soċjetà rikorrenti, fil-każ tal-lum huwa ċar daqs il-kristall illi Konkos Limited tramite l-istalċjarju tagħha dejjem irrikonoxxiet id-dejn favur MGI jidher li kien biss bi żvista li saret riferenza għall-MIMCOL in kwantu li din tal-aħħar hija l-kumpannija li tikkonduċi l-*operations* ta' MGI.

Bl-istess mod, minkejja li dokumenti ppreżentati mill-awdituri jirreferu għall-MIMCOL, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li r-riferenza kellha tkun għall-MGI, tant illi l-kreditu mniżżel taħt MIMCOL huwa proprju l-ammont illi ħallset MGI lil BOV. Huwa minnu li dan id-dokument huwa datat 1996 imma kif diġà ntqal id-dejn għadu sal-ġurnata tal-lum irrikonoxxut mill-istralċjarju.

Is-soċjetà rikorrenti tilmenta mid-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tagħha fis-sens illi MGI ma ġietx surrogata fid-drittijiet ta' BOV. Dan għaliex tikkontendi li in kwantu li l-partijiet ftehmu li s-surroga kellha ssir bil-miktub, la ma saret l-ebda skrittura, isegwi li ma seħħet l-ebda surroga.

Din il-Qorti assolutament ma taqbilx mat-teżi tas-soċjetà rikorrenti. Il-Kodiċi Ċivili jipprovdi espressament li s-surroga tista' sseħħ b'operazzjoni tal-liġi. L-artikolu 1166 tal-Kap. 16 li jikkwota l-abbli difensur legali ta' MGI fl-ittra tiegħu datata 30 ta' Awissu 2011 a fol. 56 tal-proċess 801/2013 JZM, jiddisponi hekk:

*Is-surroga ssir ipso jure favur … (ċ) ta' dak li kien obbligat ma' oħrajn jew għal oħrajn għall-ħlas tad-dejn u kellu interess iħallsu;*

Minkejja li mhuwiex ikkontestat illi ma saret l-ebda skrittura li permezz tagħha MGI ġiet surrogata fid-drittijiet tal-BOV *ex*

*contractu*, dan ma jfissirx illi din ma seħħitx *ex lege* kif qiegħda tippretendi s-soċjetà rikorrenti.

Permezz ta' dan l-ilment tagħha, is-soċjetà rikorrenti tikkontendi li dik il-parti mid-deċiżjoni tal-Qorti li biha stabbiliet illi l-kredituri ta' Konkos Limited '*huma dawk li huma elenkati fid-dokument markat AV1 a fol 3 tal-process*' hija ultra petita u extra petita.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Joseph Gatt vs Joseph Galea tat-12 ta' Lulju 1965:

> "*F'okkazjonijiet ohra din il-Qorti ssenjalat il-principju maghruf illi l-Imhallef Civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenzi f'kawzi joqghod rigorozament fl-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi, waqt li hu obbligat li jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, a meno che non si tratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat li jirrileva ex officio.*"

Din il-Qorti ssib illi s-soċjetà rikorrenti għandha raġun in kwantu li t-talba tal-istralċjajru lill-Qorti kienet biss sabiex il-Qorti tiddetermina l-gradwazzjoni tal-kredituri u mhux sabiex jiġi stabbilit min huma dawk il-kredituri. Lanqas ma jirriżulta li din id-deċiżjoni ttieħdet in vista tan-nota ppreżentata minn Ballut Blocks Limited in kwantu li din ukoll kienet tirrigwarda l-gradwazzjoni ta' din is-soċjetà u mhux sabiex jiġi stabbilit jekk hijiex kreditur ta' Konkos Limited.

Is-soċjetà rikorrenti tikkontendi li l-Qorti ma kellhiex tordna li l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa għaliex ir-rikors promotur li għalih jirreferu dawn il-proċeduri kien provokat minħabba l-insistenza tas-soċjetà MGI Limited. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl ta' kif żvolġiet il-kwistjoni li wasslet sabiex l-istralċjarju ressaq ir-rikors tiegħu, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn għandha tvarja dak deċiż minnha diversament presjeduta fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż. Din il-Qorti ssib illi kienu ż-żewġ soċjetajiet kemm Concrete Mix Limited kif ukoll

MGI li taw lok għar-rikors tal-istralċjarju u għaldaqstant, ġie deċiż sewwa li l-provvediment jibqa' mingħajr taxxa.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti limitatament billi tħassar u tannulla dik il-parti tad-digriet tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2013 fl-atti tar-rikors 362/2012 JZM fejn iddikjarat illi '*l-kredituri tal-kumpannija Konkos Limited huma dawk li huma elenkati fid-dokument markat AV1 a fol 3 tal-process'*, tiċħad ir-rimanenti talbiet billi tikkonferma d-digriet fil-bqija.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu a karigu tas-soċjetà rikorrenti.

IMHALLEF

DEP/REG